**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

## GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar it-Tlieta, 20 ta' Marzu, 2001

**Numru**

**Avviz. numru 1816/00JR**

**Elmo Insurance Agency Ltd. ghan-nom tar-Royal & Sun Alliance Insurance plc (cessjonarja tal-kumpanija Sun Alliance & London Insurance plc) bhala surrogata fid-drittijiet ta' l-assikurata taghha Grace Buttigieg u l-istess Grace Buttigieg**

**vs**

**Sean sive Shawn Anthony Xuereb**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-26 ta' Ottubru, 2000, fejn intalab il-hlas ta' mitejn tnejn u erbghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm242.80), u fej intqal:**

**1. Illi l-attrici kienet wieqfa bil-vettura taghha TFA-168 fi triq il-Qaliet, Marsascala. Meta ma ratx vetturi gejjin, xeghlet l-"indicator" biex iddur u f'daqqa wahda giet il-vettura EAA-853 minn wara u baqghet diehla gewwa fiha;**

**2. Kif jidher mill-istatement li l-konvenut, cioe` d-driver tal-vettura l-ohra EAA-853, ghamel lill-Pulizija wara l-incident (Dok.A tieni pagna) huwa ra l-vettura ta' l-attrici li kienet bl-indicator mixghul li sejra ddur ghall-go Triq Philippe de Vendome. Huwa kompla jghid lill-pulizija li meta mar biex jaqbiza baqa' diehel gol-vettura ta' l-istess Grace Buttigieg;**

**3. Huwa evidenti li t-tort ta' l-incident kien tal-konvenut li, ghalkemm ra l-indicator tal-vettura ta' l-attrici mixghul (li kien juri l-intenzjoni taghha) huwa pprova jaqbiza mill-lemin taghha minflok stenniha taghmel il-manuvra li indikatlu li kienet sejra taghmel u b'dan il-mod ikkaguna l-kollizzjoni;**

**4. L-atturi nterpellaw lill-konvenut biex ihallas id-danni ammontanti b'kollox ghal mitejn tnejn u erbghin lira Maltija u tmenin centezmu (Lm242.80) kwantu ghall-mitejn u sbatax-il Lira Maltija u tmenin centezmu (Lm217.80) lill-kumpanija attrici li sburzatha taht il-polza u kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attrici li batietha minn butha, izda ghall ta' xejn;**

5. **Ghalhekk l-atturi qeghdin jitolbu li dan it-tribunal joghgbu jiddikjara lill-konvenut responsabbli ghall-imsemmija kollizzjoni u ghad-danni konsegwenzjali u joghgbu jikkundanna lill-konvenut ihallas in linea ta' danni l-imsemmija somma ta' mitejn tnejn u erbghin lira Maltija u tmein centezmu (Lm242.80) kwantu ghall-mitejn u sbatax-il lira Maltija u tmenin centezmu (Lm217.80) lill-kumpanija attrici u kwantu ghall-hamsa u ghoxrin lira Maltija (Lm25.00) lill-attrici bl-ispejjez komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali tal-15 ta' Settembru, 2000 u dik kontestwali kontra l-assikurazzjoni tal-konvenut u bl-imghax ta' tmienja fil-mija (8%) mis-16 ta' Settembru, 2000 kontra l-konvenut mharrek ghas-subizzjoni.**

**Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fis-27 ta' Novembru, 2000, fejn intqal:**

i. **illi t-talbiet attrici ghandhom jigu respinti peress illi l-incident "de quo" sehh unikament tort ta' Grace Buttigieg u dan minhabba traskuragni, imperizja, u nuqqas ta' osservanza tar-regolamenti tat-traffiku da parti taghha;**

ii. **Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost l-ammont reklamat mill-attur huwa esagerat;**

iii. **Salv eccezzjonijiet ulterjuri, b'riserva ta' kull azzjoni talvolta spettanti lill-eccipjent.**

**Semgha x-xhieda ta' Joseph Mula, Grace Buttigieg, P.S.831 Lawrence Bordieri u Sean sive Shawn Anthony Xuereb. Ha konjizzjoni tad-dokumenti kollha esebiti u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.**

**Ikkunsidra:**

1. **Il-kaz jirrigwarda kollizzjoni li grat fi triq il-Qajliet, Marsascala, fl-20 ta' Gunju, 1999, bejn il-vettura TFA-168 misjuqa mill-attrici u l-vettura EAA-853 misjuqa mill-konvenut.**
2. **Jirrizulta li l-attrici kienet ghadha kemm harget mill-parking u kellha "indicator" mixghul, u minn Triq il-Qwajliet riedet taqbad Triq Vendome. Jirrizulta li l-incident gara hekk kif il-konvenut kien qed jissorpassa lill-attrici.**
3. **Jirrizulta li malli harget mill-parking il-konvenut kien boghod minnha tul ta' xi zewg karrozzi, u dak il-hin stess daqqilha l-horn, li hi ma semghatux. Dak il-hin l-attrici bl-indicator ghadu mixghul riedet tikser ghal go Triq Vendome. Ma kienx hemm xi distanza bejn meta l-attrici harget mill-parking sakemm marret biex iddur.**
4. **Issa fi kliem l-attrici:**

   **"Kif iccaqlaqt qabizni u laqatni fuq il-mudguard tal-lemin ta' quddiem, bil-quddiem tax-xellug tieghu. Waqt li qed indur qabizni. Kont ghamilt sinjal. Harist fil-mera u rajtu warajja."**

5. **Il-konvenut jikkonferma li l-attrici kellha l-indicator mixghul, pero` dana kien hekk sa minn meta harget mill-"parking". Fi kliem il-konvenut: "Gejt biex naqlaghha u hi bdiet iddur."**

6. **Jirrizulta mir-ritratti Dok.SX1 sa SX3 li d-daqqa fil-vettura tal-konvenut kienet fil-fatt fuq il-bieba tax-xellug aktar lejn in-nofs, pero` mhux fuq il-mudguard ta' quddiem. Dana jindika li meta l-attrici bdiet tikser il-konvenut kien gja qed jeffettwa s-sorpass. Jigi rilevat li tassew kellha l-indicator mixghul, pero` dana kien hekk ghall-distanza qasira ferm, u di piu` hi setghet u fil-fatt rat lill-konvenut gej minn warajha, apparti li l-konvenut daqq il-horn. Ghaldaqstant ma jistghax il-konvenut jigi ritenut responsabbli ghall-kollizzjoni li grat.**

**Ghaldaqstant it-talba tas-socjeta` attrici u ta' l-istess attrici ghandhom jigu michuda.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza ghandhom jigu sopportati interament mis-socjeta` attrici u mill-attrici skond il-Ligi.**

**Dr Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**